MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2012

Talba Numru. 258/2012

**Ventura General Gas Ltd (C-7364)**
**Vs**
**Alex Caruana Soler (K.I. 1666457M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta’ attrici ppremettiet sabiex jghid il-konvenut ghaliex m’ghandux dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont t’ elf erba’ mija u sitta u hamsin ewro (€1456), rapprezentanti bilanc fuq bejgh u konsenja ta’ *air-conditioners* tal-marka (X9 AUS 12000 BTUs) u liema ammont ma thallasx minkejja li l-konvenut gie bosta drabi interpellat sabiex jaghmel dan; bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali taht l-artikoli 166A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, bin-numru (3743/11) u bl-imghaxijiet mill-erbgha (4) ta’ Lulju, 2011; il-konvenut hu ngunt minn issa in subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenut baqa’ ma pprezentax risposta ghalkemm debitament notifikat u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li giet pprezentata nota ta’ riduzzjoni mis-Socjeta’ attrici nhar il-05 ta’ Novembru, 2012, permezz ta’ liema nota s-socjeta’ attrici rriduciet t-talba taghha ghal elf mija sitta u hamsin ewro (Eur 1, 156).

Ra li gie pprezentat kapitolu fil-5 ta’ Novembru, 2012 mill-Avukat Roberta Spiteri u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenut naqas milli jipprova l-kaz tieghu quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fl-ammont kif ridott t’ elf mija sitta u hamsin ewro (Eur 1, 156) u dan bl-ispejjez inkluz l-ittra ufficjali taht l-artikolu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, bin-numru 3743/11 u bl-imghaxijiet mill-erbgha (4) ta’ Lulju, 2011 sad-data tal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------